# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju 2025**

**Numru 1**

**Rikors numru 816/2015/1 MH**

**Bank of Valleta p.l.c. u b'digriet tat-12 ta' Novembru 2024 is-soċjetà 35º14º Capital SCC p.l.c. li qed taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ġiet awtorizzata tassumi l-atti minflok il-Bank of Valletta p.l.c.**

**v.**

**F.G.S.Construction Limited u b'digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu, 2017 ġie ordnat li l-atti jiġu leġittimati fil-persuna ta' Dr. Kevan Azzopardi u b'digriet datat 29 ta' Mejju, 2023 ġie sostitwit b'Dr Ingrid Fenech fl-istess kapaċità.**
**Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon.**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi Bank of Valletta p.l.c minn sentenza ta' nhar it-23 ta' Ottubru 2023 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti ordnat lil konvenuti sabiex flimkien u *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attriċi l-

ammont ta' ħames mija u tlettax-il elf, erba' mija u wieħed u tmenin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€513,481.33) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" tas-soċjetà F.G.S. Construction Limited flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-31 ta' Lulju 2015 sad-data tat-28 ta' April, 2016.

**Daħla**

2. L-attur ressaq is-segwenti talbiet:

> *"1 Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn eżebiti bħala Dokument "E", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L", "M", "N", "O", "P") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-soċjetà F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon, li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*
>
> *2. Tikkundanna lill-konvenuti kollha u ċioe' lis-soċjetà F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon, iħallsu flimkien u in solidum bejniethom, lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħames mija u tlettax-il elf, erba' mija u wieħed u tmenin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€513,481.33) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Over-draft Accounts" tas-soċjetà F.G.S. Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A", Dok. "B1 sa B2", Dok. "C1 sa C3" u Dok. "D1 sa D4") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-31 ta' Lulju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.*
>
> *Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali datati 10 ta' Ottubru 2013 kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni. (Dok. "Q" u "R")."*

3. U dan abbażi tas-segwenti premessi:

*"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'tlett kuntratti, magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef, tnejn minnhom datati 5 t'Awwissu 2010 u l-ieħor datat 13 ta' Frar 2008 is-soċjetà attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lis-soċjetà' F.G.S. Construction Limited.*

*2.Illi s-soċjetà' attriċi tinsab kreditriċi tas-soċjetà F.G.S. Construction Limited fis-somma ta' ħames mija u tlettax-il elf, erba' mija u wieħed u tmenin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€513,481.33) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-soċjetà F.G.S. Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A", Dok. "B1 sa B2", Dok. "C1 sa C3" u Dok. "D1 sa D4") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-31 ta' Lulju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*3.Illi permezz ta' disa' kuntratti, tnejn minnhom magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, datati 28 ta' Novembru 1995 (Dok. "E") u l-iehor 14 t'April 2005 (Dok. "F") u sebgħa oħra magħmula fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef, tnejn minnhom datati 26 ta' Jannar 2006, tnejn oħra datati 13 ta' Frar 2008, ieħor datat 16 ta' Ġunju 2008 u tnejn oħra datati 5 t'Awwissu 2010 u permezz ta' għaxar skritturi privati, datati 23 ta' Ġunju 1995 (Dok. "G"), 10 ta' Settembru 2004 (Dok. "H"), 4 ta' Frar 2005 (Dok. "I"), 12 ta' Jannar 2006 (Dok. "J"), 2 ta' Jannar 2007 (Dok. "K"), 4 t'Awwissu 2008 (Dok. "L"), 10 t'Ottubru 2008 (Dok "M"), 28 ta' Diċembru 2009 (Dok. "N"), 3- ta' Lulju 2010 (Dok."O") u 16 t'Awwissu 2011 (Dok. "P") il-konvenuti Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon iggarantew flimkien u "in solidum" mas-soċjetà' F.G.S. Construction Limited għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti ta' l-istess F.G.S. Construction Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.*

*4.Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn eżebiti bħala Dokumenti "E", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L", "M", "N", "O", "P") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-soċjetà' F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon*

*(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess soċjetà' F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*5.Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*6.Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' żewġt ittri uffiċjali datati 10 ta' Ottubru 2013 li kopji tagħhom qed jiġu hawn esebiti u mmarkati Dok. "Q" u Dok. "R", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża."*

4. Is-soċjetà konvenuta kienet kontumaċi. Il-konvenuti konjuġi Falzon ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

> *"I. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li għalkemm m'huwiex kontestati, l-atti pubbliċi annessi mar-rikors ġuramentat, l-ammont reklamat mill-bank attur fit-tieni talba tiegħu ma huwiex dovut mill-intimati u għal dak li jirrigwarda l-intimati konjuġi Falzon dawn m'għandhomx iwieġbu għall-ammont kollu li tavolta jista' jkun dovut mis-soċjetà' F.G.S. Construction Limited ġaladarba il-garanziji mogħtija minnhom kienu limitati kif indikat fl-istess dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentati;*
>
> *2.Illi fil-mertu, mingħajr preġudizzju, irid l-ewwelnett jiġi ppruvat li ġew avvanzati lis-soċjetà' konvenuta s-sommom pretiż, irid jiġi ppruvat x'rata ta' imgħax kienet applikabbli għal tali sommom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarji bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà' konvenuta. F'każ illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha charges, ledger fees u kummissjonijiet;*
>
> *3.Illi mingħajr preġudizzju. in vista ta' l-artikoli 986 (2), 1139, 1142 u 1850 sa 1853 Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attriċi jinkludu somom sostanzjali ta' imgħax in eċċess mil-limitu massimu mpost mil-liġi. kif ukoll imgħax kompost u charges, ledger fees u kummissjonijiet mhux dovuti li ġew miżjuda mal-obbligazzjonijiet prinċipali b'qerq tad-dispożizzjonijiet relattivi għall-anatocizmu u l-użura latenti, u li għaldaqstant għandhom jinqatgħu mill-kapital. flimkien ma' l-imgħax kompost li refa' ġie miżjud fuqhom, ai termini ta' 1-artikotu 185 (2) tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *4.Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost. l-imgħax legali ulterjuri ma jistax jintalab b'effett mill-31 ta' Lulju 2015 fuq l-imgħax kapitalizzat f'dik id-data, billi tali imgħax ma jkunx ilu dovut aktar minn sena, iżda jista' biss jintalab minn dakinhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jgħalqu, basta li fil-każ il-wieħed jew l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux inqas minn sena, in vista ta' 1-artikoli 1142, 1850 u 1851 (2) Kap. Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Illi mingħajr preġudizzju in kwantu l-azzjoni attriċi hija diretta fil-konfront ta' l-intimati konjuġi Falzon din hija preskritta in kwantu l-obbligazzjoni tagħhom hija naxxenti minn skrittura privata u għalhekk kolpita bi preskrizzjoni kwinkwennali, liema terminu ma jirriżultax interott jew sospiż."*

5. L-Ewwel Qorti wasslet għas-segwenti *deċide*:

*"1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn eżebiti bħala Dokument "E", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L", "M", "N", "O", "P") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-soċjetà' F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon, li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà' attriċi.*

*2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti kollha u ċioe' lis-soċjetà' F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon, iħallsu flimkien u in solidum bejniethom, lis-soċjetà' attriċi s-somma ta' ħames mija u tlettax-il elf, erba' mija u wieħed u tmenin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€513,481.33) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-soċjetà F.G.S. Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A", Dok. "B1 sa B2", Dok. "C1 sa C3" u Dok. "D1 sa D4") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-31 ta' Lulju 2015 sad-data tat-28 ta' April, 2016.*

*Bl-ispejjeż ta' din l-istanza inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali datati 10 ta' Ottubru, 2013."*

6. Il-kumpanija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa wkoll l-appellanta) ħassitha aggravata mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u ressqet dan l-appell nhar it-13 ta' Novembru 2023, filwaqt li l-konvenuti konjuġi Falzon ressqu risposta nhar is-7 ta' Novembru 2024. Il-kumpanija konvenuta ma ressqet l-ebda risposta.

7. Fil-mori tal-appell u wara d-digriet ta' din il-Qorti ta' nhar it-12 ta' Novembru, 2024, is-soċjetà 35°14° Capital SCC p.l.c. li qed taġixxi għan-nom ta' Cell Couros, ġiet awtorizzata tassumi l-atti u tkompli l-kawża minflok il-Bank of Valletta plc skont l-artikolu 810A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Jiġi nnutat ukoll illi fir-risposta tagħhom l-intimati konjuġi Falzon saħqu li saru laqgħat mas-soċjetà 35º14º Capital SCC li wasslu għall-iffirmar ta' ftehim għal eventwali ħlasijiet kif ordnati fis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ordnat, permezz ta' digriet tas-17 ta' Marzu 2025, lis-soċjetà 35º14º Capital SCC sabiex tikkonferma *o meno* jekk jeżistix tali ftehim. Rat li permezz ta' nota ta' nhar l-20 ta' Marzu 2025, hi spjegat li huwa minnu li sar ftehim iżda dan mingħajr preġudizzju għal din l-azzjoni. Din il-Qorti ser tipproċedi għas-sentenza.

**L-appell tal-kumpanija attriċi**

9. Permezz **tal-appell** tagħha l-kumpanija attriċi appellanti tilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti llimitat il-kwantifikazzjoni tal-imgħax fuq is-somma reklamata sad-data tat-28 ta' April, 2016 u ċjoè d-data meta s-soċjetà FGS Construction ġiet stralċjata. Targumenta li l-imgħax kellu jiġi akkordat kif mitlub fit-tieni talba attriċi u ċjoè mill-31 ta' Lulju, 2015 sad-data tal-effettiv pagament. Tgħid li l-imgħax fuq is-somma ta' €513,481.33 kellu jiddekorri mill-31 ta' Lulju, 2015 u jibqa' hekk jiddekorri sad-data tal-pagament effettiv mill-konvenuti appellati jew min minnhom.

10. Kompliet li l-azzjoni odjerna mhijiex waħda ta' stralċ tal-kumpanija konvenuta iżda azzjoni dwar bilanċ dovut mill-konvenuti u konsegwentement din l-azzjoni tipproċedi separatament mill-azzjoni ta' stralċ tal-kumpanija konvenuta (proċeduri 424/2014 JZM illum ISB). Din

l-azzjoni kienet immirata biss sabiex jiġi akkwistat titolu eżekuttiv. Madankollu, u kif titlob il-liġi ġie miksub permess mingħand il-Qorti li kienet qed tippresjedi fuq il-proċeduri tal-istralċ biex tkun tista' titkompla l-azzjoni odjerna, liema awtorizzazzjoni ngħatat fit-12 ta Jannar, 2017 u ġie notifikat l-istralċatarju tal-kumpanija konvenuta. Meta dik il-Qorti laqgħet it-talba, il-kumpanija konvenuta kienet ilha stralċjata tmien xhur u ma ġew imposti l-ebda kundizzjonijiet fuq l-appellant u anqas xi limitazzjoni fuq id-dekorriment tal-imgħax. Għalhekk l-Ewwel Qorti mponiet limitazzjonijiet li ma kellhiex timponi hi u li anqas ġew imposti mill-Qorti *idonea*.

11. Jiġi argumentat mis-soċjetà appellanti li ma saret l-ebda eċċezzjoni fir-rigward tal-limitazzjoni tal-imgħax. L-unika sottomissjoni f'dan is-sens saret mill-istralċjarju permezz ta' Nota ta' Sottomissjonijiet tat-3 ta' Diċembru 2021 fejn saret referenza għall-provedimenti li ngħataw fl-atti tal-proċedura ta' stralċ u mhux proċedimenti legali awtorizzati mill-Qorti li tippresjedi l-istralċ u allura li għandhom natura indipendenti mill-proċeduri tal-istralċ. Il-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta ma jimponi l-ebda limitazzjoni fuq id-dekorriment tal-imgħax dwar krediti dovuti mill-kumpanija wara stralċ, la meta jinbdew il-proċeduri ta' stralċ u lanqas meta l-kumpanija in kwistjoni tiġi stralċjata. Fil-fatt ma hemm l-ebda provediment dwar it-twaqqif tad-dekorriment tal-imgħax sad-data ta' stralċ ta' kumpanija la volontarjament u lanqas mill-Qorti. *In linea* mal-prinċipju *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit,* jiġi sottomess li l-Ewwel Qorti għażlet li timponi limitazzjoni li ma tirriżultax mill-liġijiet tagħna u għalhekk

marret *oltre* minn dak li tipprovdi l-liġi illi tirregola l-proċeduri ta' stralċ.

12. L-Ewwel Qorti għamlet referenza għal ġurisprudenza fejn ġiet adottata din it-tip ta' prassi u ċjoè li l-imgħax ma għandux jiddekorri *oltre* mid-data tal-istralċ. Issir referenza għall-qiegħ ta' paġna 10 tas-sentenza fejn hemm imniżżel *"Id-data tax-xoljiment. Ara Artikolu 537 tal-Kodici tal-Kummerc li m'hemmx raġuni għalfejn m'għandux japplika f'dan il-każ."* li hu mifhum li ttieħed mill-kawża 889/2011 AE ċitata mill-Ewwel Qorti. Jiġi sottomess li l-Kapitolu 386 ma jsemmi mkien li l-provvedimenti tal-Falliment fil-Kodiċi tal-Kummerċ għandhom japplikaw għall-istralċ anzi bil-kontra, l-artikolu 326 tal-Kapitolu 386 jipprovdi:

> *"326.(1)* ***It-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ dwar falliment ma għandhomx japplikaw għal kumpanija.***
>
> *(2) Riferenzi f'liġijiet oħra barra mit-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ għal fallut għandhom, meta r-rabta tal-kliem hekk teħtieġ, ikunu mfissra bħala li jinkludu riferenzi għal kumpanija li tkun qed tiġi stralċjata f'ċirkostanzi ta' insolvenza taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, u riferenzi għal fallut għandhom jiftiehmu f'dan is-sens*
>
> *(Emfażi miżjud)"*

13. Jiġi argumentat mill-appellanti li l-liġi ma tistax tkun aktar ċara minn hekk u la hemm projbizzjoni kategorika li Taqsima III tal-Kapitolu 13 dwar il-Falliment ma japplikax għall-kumpanija jsegwi li l-artikolu 537 li jaqa' f'din it-taqsima, ma japplikax anqas għall-kumpanija stralċjata. It-twaqqif tal-imgħax fuq kreditu dovut minn kumpanija li ġiet stralċjata huwa kontra dak li tipprovdi l-liġi stess. Jingħad li l-appellant seta' kien parti mill-ġurisprudenza ċitata iżda ma jaqbilx mal-insenjament li huwa

diametrikament oppost għal dak li jipprovdi l-Kapitolu 13.

14. Issir referenza għall-provvediment preċedenti meħud mill-atti tal-kawża 889/2011 AE deċiża nhar is-7 ta' Diċembru 2012, li għamlet referenza għall-artikolu 303 tal-Kapitolu 386:

> *"303.(1) Kull privileġġ, ipoteka jew piż ieħor, jew trasferiment jew disponiment ta' proprjetà jew jeddijiet, u kull ħlas, eżekuzzjoni jew att ieħor dwar proprjetà jew jeddijiet magħmula mill-kumpanija jew kontriha, u kull obbligazzjoni li tidħol fiha l-kumpanija, fi żmien sitt xhur qabel ix-xoljiment tal-kumpanija għandhom jitqiesu li huma preferenza bi frodi kontra l-kredituri tagħha, kemm jekk ikunu ta' xorta gratuwita jew jekk ikunu ta' xorta oneruża jekk jikkostitwixxu operazzjoni taħt il-valur jew tingħata preferenza, kemm-il darba l-persuna li favur tagħha jkunu saru ma tipprovax li ma kenitx taf u ma kellhiex raġuni taħseb li l-kumpanija kienet x'aktarx se tkun xolta minħabba insolvenza, u fil-każ li l-kumpanija tkun hekk xolta kull preferenza bi frodi tkun nulla."*

15. L-appellanti targumenta li l-proċeduri odjerni nbdew qabel iż-żmien ta' sitt xhur qabel ix-xoljiment tal-kumpanija FGS Construction Company Limited u għalhekk il-proċeduri odjerni ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu fil-parametri ta' dan l-artikolu. Jingħad li l-waqfien tal-imgħaxijiet fid-data tal-istralċ tal-kumpanija konvenuta ċaħħad mid-drittijiet li għandha l-appellanti fil-konfront tal-garanti konvenuti appellati konjuġi Falzon. L-appellanti għandha kull dritt tfittex unikament lill-garanti tal-kumpanija konvenuta għall-kreditu u għall-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv. Dan jirriżulta kemm mill-kuntratti ffirmati, mill-liġi u anki mill-ġurisprudenza. Il-konvenuti konjuġi Falzon huma garanti solidali u l-appellanta kellha dritt iddur unikament kontra tagħhom biex titħallas kreditu dovut. Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc

(C3177) vs Frank Dimech et, numru 734/2006 deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 fejn intqal:

> *"Il-Qorti tirrileva pero' li s-soċjetà rikorrenti ma kienitx obbligata li taġixxi ġudizzjarjament kontra d-debitur prinċipali qabel ma taġixxi kontra l-intimati bħala l-garanti.*
>
> *Skond il-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, kreditur mhux obbligat li jagħmel atti ġudizzjarji u proċeduri esekuttivi kontra d-debitur tiegħu qabel ma jdur kontra l-garanti għall-ħlas. Difatti l-liġi tassoġġetta l-garanti lejn il-kreditur bil-fatt biss li d-debitur ma jkunx adempixxa l-obbligu tiegħu, u ma tirrikjedix illi l-kreditur ma jkunx irnexxielu jottjeni dak l-adempiment mid-debitur; u għalhekk huwa biżżejjed li l-kreditur juri bil-provi li d-debitur baqa' inadempjenti, u ma hemmx bżonn li jħarrek fil-kawżi anki l-istess debitur. (ara sentenzi Vol X11 p 456; Vol XL p1 p 119 Bonello vs Magro et; Vol XXV1 p1 p 28 u artikoli 1925, 1934 u 1935 (b)."*

16. Jisħqu li *in vista* ta' dan il-prinċipju kieku fittxet unikament lil konjuġi Falzon, ma kienx ser ikun hemm limitazzjoni fuq il-kalkolu tal-imgħax. Il-*guarantee forms* li ffirmaw il-konvenuti appellati Falzon jindikaw illi l-obbligi tal-garanti fil-konfront tas-soċjetà appellanta ma jispiċċawx anke jekk il-kumpanija debitriċi prinċipali tiġi stralċjata. Jagħmlu referenza għall-uħud mill-klawżoli illi jindikaw l-obbligu tal-garanti qabel is-snin 2000 u wara s-snin 2000.

17. Jargumentaw ukoll li l-liġi tal-istralċ hi ċara fis-sens illi l-provedimenti tal-falliment ma għandhomx japplikaw għall-istralċ. Però jekk il-Qorti ser tapplikahom mela għandhom jiġu applikati liġijiet oħra partikularment fejn tidħol il-kwistjoni tal-garanti. Jingħad li l-liġi tal-falliment ma tpoġġi ebda limitu fuq il-ħlas għall-imgħaxijiet minn naħa tal-garanti ta' fallut u dan minkejja l-fatt li tali mgħaxijiet jistgħu jiġu mwaqqfin

fil-konfront tal-fallut. Għalhekk ukoll l-esponenti ma kellhiex tiġi mċaħħda mid-drittijiet tagħha għall-imgħaxijiet kontra l-garanti konvenuti appellati Falzon. Issir referenza għall-artikolu 525 u 526 tal-Kapitolu 13 u li minkejja li din l-analoġija l-esponenti xorta temmen li l-provedimenti kollha fit-Taqsima III dwar il-Falliment ma għandhomx jiġu applikati għall-istralċ u għalhekk dan jinkludi wkoll l-artikolu 537 tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie erroneament applikat għall-vertenza odjerna.

**Risposta tal-konjugi Falzon**

18. **L-appellati konjuġi Falzon iwieġbu li** l-appellanta nsiet jew konvenjentament warrbet il-provediment parti jew intier tat-Taqsima III dwar Falliment tal-kumpaniji tal-Kapitolu 13 dwar l-istralċ u li skont is-sentenza Tarros S.p.A. vs Valletta Freight Services Ltd deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Settembru 2016:

> *"Il-Qorti tirrileva illi meta tfassal il-mudell għal-liġi tagħna l-ġdida dwar il-kumpanniji, il-qafas magħżul kien dak tal-Companies Act Ingliża 1985. Fil-liġi Ingliża, ix-xoljiment u l-istralċ ta` kumpanniji kien trattat permezz ta` leġislazzjoni ad hoc u ċjoè` l-Insolvency Act 1986. Meta fl-1995 saret il-liġi tagħna l-ġdida dwar il-kumpanniji li ħadet post il-Commercial Partnerships Ordinance 1962, id-dispożizzjonijiet li jolqtu x-xoljiment u l-istralċ kienu ntegrati fl-Att XXV tal-1995, illum Kap 386."*

19. Jisħqu li essenzjalment il-każijiet dwar u meta jkun hemm stralċjar ta' kumpanija kien appuntu li joffri xi tip ta' protezzjoni f'każijiet ta' falliment ta' soċjetajiet kummerċjali sabiex ikunu protetti minn imgħaxijiet eċċessivi li jirrenduhom fl-impossibilità finanzjarja li jwettqu l-ħlasijiet debiti

tagħhom. Għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti li tipprovdi x'tgħid il-ġurisprudenza nostrana fil-kunċett *puncto temporis* ta' dekors tal-imgħaxijiet mad-dikjarazzjoni tal-istralċ. Jingħad li fi kwalunkwe każ saru laqgħat mas-soċjetà li assumiet l-atti u li wasslu fi ftehim għall-eventwali ffirmar tal-ħlasijiet kif ordnati fid-deċiżjoni appellata.

20. Fuq il-kwistjoni tal-imgħax **l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:**

> *<<Dekors ta' imgħax wara stralċ/xoljiment, punctum temporis.*
> *Marbut mal-kwistjoni ta' l-interessi li jistgħu jiġu mposti wara stralċ, fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-Riċevitur Uffiċjali fil-vesti bħala stralċjarju ta' F.G.S.Construction Limited titqajjem il-kwistjoni ta sa meta għandu jibqa' jiddekorri l-imgħax mitlub darba lis-soċjetà konvenuta ġiet stralċjata. Dr.Kevan Azzopardi għamel referenza għal provediment li jittratta il-materja in tematika, dana wara riċerka tal-Qorti jirriżulta li hu fl-ismijiet Fl-Atti ta' l-Istralċ Unibuild Corporation Limited li kienet xolta bi provediment tal-Prim'Awla tat-30 ta' Mejju, 2017.*
>
> *Dwar il-puncto temporis in materja il-Qorti tagħmel referenza għal deċiżjoni oħra fl-ismijiet L-Avukat Stephen Muscat noe vs European Insurance Group Limited u b'digriet tas-7 ta' Diċembru, 2012 il-Qorti ordnat li l-isem tal-konvenut għandu jaqra Brian Tonna bħala stralċjarju għan-nom u n rappresentanza ta' European Group Ltd. fejn fid-deċiżjoni tagħha il-Qorti qalet hekk hekk_wara li kkunsidrat illi is-soċjetà kienet ġiet stralċjata fid-data ta' 29 ta' Settembru, 2011.*
>
> *"Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-*
> *1. Tiddikjara li l-attur nomine hu kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' sebgha u sittin elf tlett mija u wiehed u sebghin ewro u sittin centezmu (€67,371.60) bl-imghax fuq is-somma ta' €66,810 mid-data tal-fatturi sad-29 ta' Settembru 2011."*
>
> *Interessanti però il-kjamata li tagħmel referenza għal artikolu 537 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Hawn il-Qorti tagħmel ekwiparazzjoni mal-kummerċjant fallut kif del resto għamlet il-Qorti diversament preseduta fil-provediment riferut supra u torbot il-puncto temporis tad-dekors ta' l-imgħaxijiet mad-dikjarazzjoni ta' l-istralċ.*
>
> *Il-Qorti għalhekk isib li l-Uffiċjali Riċevitur kellu raġun darba li tistrieħ fuq dan it-tgħallim ġurisprudenzjali. Tqies lil cut off date tad-dekors tal-*

> *imgħaxijiet għandu jkun id-data tax-xoljiment effettiv tal-kumpanija attriċi u ċioe' it-28 ta' April, 2016.>>*

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

21. **Din il-Qorti** tqis li l-appellanta għandha raġun u li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-artikolu 537 tal-Kapitolu 13 japplika fil-konfront tal-kumpanija ntimata llum xolta. Tqis li kif argumentat sew is-soċjetà appellanta, l-artikolu 326 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta ċarament jipprovdi s-segwenti:

> *"326.(1) It-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ dwar falliment ma għandhomx japplikaw għal kumpanija.Kap. 13.*
>
> *(2) Riferenzi f'liġijiet oħra barra mit-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ għal fallut għandhom, meta r-rabta tal-kliem hekk teħtieġ, ikunu mfissra bħala li jinkludu riferenzi għal kumpanija li tkun qed tiġi stralċjata f'ċirkostanzi ta' insolvenza taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, u riferenzi għal fallut għandhomj iftiehmu f'dan is-sens"*

22. Dan l-artikolu ma għandu bżonn tal-ebda interpretazzjoni ulterjuri. Is-sentenzi kwotati mill-Ewwel Qorti ma għandhomx jorbtu lil din il-Qorti u żgur li ma jistgħux jitqiesu li jieħdu preċedent fuq il-liġi meta l-istess liġi hi waħda kategorika. La t-Tielet Titolu tal-Kapitolu 13 ma japplikax mela allura jsegwi li ma tistax tingħata deċiżjoni abbażi tal-istess.

23. Fin-nuqqas ta' liġi li twaqqaf id-dekorriment tal-imgħax legali fil-konfront ta' kumpanija stralċjata, għandu jsegwi li ma hemm l-ebda raġuni li l-imgħaxijiet legali jiġu mwaqqfa milli jiddekorru u konsegwentement

sejra tilqa dan l-appell.

**Deċide**

24. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq billi tilqgħu u konsegwentement tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn qieset li l-imgħax legali għandu jieqaf jiddekorri sal-ġurnata tat-28 ta' April 2016 u minflok, waqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza, din il-Qorti tordna li l-imgħax legali, li beda jiddekorri mill-31 ta' Lulju 2015, għandu jibqa' għaddej sal-ġurnata tal-ħlas. Spejjeż kontra l-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb